# L-Altar tal-Assunta fil-Knisja ta' Sant Andrija f'Ħal Luqa

*Mario Fenech*



Waħda minn dawk il-knejjes li matul it-Tieni Gwerra Dinjija messitha l-id qerrieda tal-għadu kienet il-knisja parrokkjali ta' Sant Andrija ta' Ħal Luqa.

Dakinhar li kienet iġġarrfet parti minn din il-knisja, kienu ntilfu għadd kbir ta' opri sagri li kien hemm fiha, iżda b'xorti tajba l-kwadru ta' fuq l-altar tal-Assunta ma ġralux ħsara u għadna nistgħu ngawduh sal-lum.

Dan il-kwadru huwa ta' livell artistiku għoli ħafna u sar mill-artist magħruf Mattia Preti fis-sena 1669.

L-altar twaqqaf f'din il-knisja b'ordni tal-Isqof Balaguer wara li dan kien ipprofana knisja żgħira li ma tantx kienet fi stat tajjeb fis-sena 1656. Din il-knisja kienet tinstab fl-inħawi magħrufa bħala tal-*Ibwar* u kienet iddedikata lil Santa Marija.



Kien ħa ħsieb li jsir dan il-kwadru għal fuq l-altar tal-knisja parrokkjali ċertu Duminku Farrugia flimkien mal-membri tal-familja tiegħu u xi benefatturi oħrajn fis-sena 1667.

Il-kwadru tpoġġa f'postu sentejn wara u minn dakinhar 'il quddiem mhux biss kompliet tinfirex id-devozzjoni lejn l-Assunta, iżda wkoll saru opri sagri sbieħ biex dan l-altar ikun komplut b'kollox.

Beda jsir il-quddies fuq dan l-altar u l-festa tal-Assunta kienet issir bil-kwindiċina, il-kant tal-għasar u quddiesa kantata.

Nafu li l-istess użanza li kien hemm qabel fil-knisja tal-inħawi tal-*Ibwar*, jiġifieri jitqassam l-ikel u l-inbid lil dawk li jmorru għall-festa baqgħet issir sal-ewwel snin tas-seklu tmintax.

Fil-kwadru ta' Mattia Preti naraw il-figura tal-Assunta fiċ-ċentru tal-attenzjoni ta' xena mill-isbaħ.

L-artist pinġa lill-Madonna b'ilbies ta' kulur roża u ikħal bilqiegħda fuq sħab abjad qiegħda tiġi merfugħa 'l fuq minn numru ta' anġli, filwaqt li anġli oħrajn qegħdin ikantaw għana ta' ferħ u glorja kif kien xieraq f'din il-ġrajja tat-tlugħ fis-sema tas-Sultana tal-Qaddisin kollha.

Isfel, fuq in-naħa tax-xellug tat-tila, naraw lil San Pietru b'idejh miftuħin qiegħed iħares lejn is-sema. Filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin San Pawl b'idejh fuq sidru b'ħarsa ta' ġabra u devozzjoni.

Fin-nofs bejniethom is-simboli ta' dawn iż-żewġ qaddisin kbar, l-imfietaħ u x-xabla.

Bejn dawn iż-żewġ qaddisin u s-sħab li qiegħda tistrieħ fuqu l-Assunta, l-Appostli l-oħrajn josservaw din il-ġrajja unika ta' qdusija.

Il-Ħalluqin għandhom biex jiftaħru bil-kbir li fil-knisja parrokkjali tal-qaddis patrun tagħhom Sant'Andrija għandhom din l-opra tant artistika, iżda wkoll opra li tirrakkonta dak li l-poplu Malti u Għawdxi kollu jiċċelebra bil-kbir nhar il-15 ta' Awwissu, Jum il-Festa ta' Marija Assunta.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.